

Negozjati UE-Renju Unit: II-MPE esprimew sostenn sod għall-pożizzjoni tal-UE



Il-Parlament adotta rिजoluzzjoni li tikkritika bil-qawwa l-aproċċ tal-Gvern Brittaniku għan-negozjati bejn I-UE u r-Renju Unit

- Il-MPE għandhom fiduċja sħiħa fin-negozjatur tal-UE, Michel Barnier
- L-aproċċ tar-Renju Unit, li bih jagħżel dak li jaqbillu mhuwiex aċċettabbi għall-UE
- Huwa meħtieġ ftehim dwar kundizzjonijiet ekwi u s-sajd sabiex tinkiseb I-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

Il-Parlament jinnota b'dispjaċir li għad hemm differenzi sostanzjali, u m'għadx baqa' wisq żmien biex jintlaħaq ftehim dwar ir-relazzjoni futura bejn I-UE u r-Renju Unit.

F'rīżoluzzjoni adottata nhar il-Ħamis b'maġġoranza kbira, il-Parlament qies il-kisbiet li seħħew s'issa fin-negozjati bejn I-UE u r-Renju Unit dwar sħubija ġidida u jirrikonoxxi l-appell tan-negozjaturi biex it-taħdidiet jiġu **intensifikati f'Lulju**.

B'dispjaċir innotaw li wara erba' ċikli ta' negozjati, ma nkiseb ebda progress reali fid-diskussionijiet, u li għad hemm differenzi sostanzjali.

L-atteggement tar-Renju Unit li jagħżel ċerti politiki skont kif jaqbillu u jinsisti li jkollu aċċess għas-suq uniku wara l-Brexit mhuwiex "aċċettabbli" għall-UE. Fir-riżoluzzjoni, il-Parlament esprima tkassib serju dwar l-insista tal-Gvern Brittaniku li juri r-rieda li jinnegozja biss fuq dawk l-oqsma li jolqtu ilu.

Ir-riżoluzzjoni tħenni wkoll is-sostenn sħiħ u sod tal-Parlament għall-Kap Negozjatur tal-UE Michel Barnier fit-taħditiet tiegħu man-negożjaturi Britanniċi, fuq il-bażi tal-mandat politiku mogħi lillu mill-Istati Membri tal-UE u mill-Parlament.

L-MPE appellaw ukoll lir-Renju Unit biex jirrispetta l-impenji tiegħu stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Politika, iffirmata mill-Prim Ministru Boris Johnson u ratifikata kemm mill-UE kif ukoll mir-Renju Unit.

Obbligi ta' ħruġ

It-test jgħid li l-implimentazzjoni stretta tal-[Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq](#), u l-implimentazzjoni korretta tal-[Ftehim dwar il-Ħruġ](#), inkluż tad-drittijiet taċ-ċittadini, hija prekundizzjoni biex ikun hemm il-fiduċja meħtieġa biex jiġi konkluż ftehim dwar ir-relazzjoni futura.

Kompetizzjoni fuq bażi ugħwali, is-sajd

It-test jenfasizza wkoll li l-approvazzjoni tal-Parlament għal kwalunkwe ftehim ta' kummerċ mar-Renju Unit hija suġġetta wkoll għall-qbil min-naħħa tal-Gvern Brittaniku għal kundizzjonijiet ekwi (regoli u standards komuni) fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-protezzjoni ambjentali, standards tax-xogħol u għajnejna mill-istat, u fuq il-konklużjoni ta' ftehim sodisfaċenti dwar is-sajd. Dan huwa essenzjali minħabba l-proximità ġeografika tar-Renju Unit, il-livell ta' interkonnessjoni, u l-livell għoli ta' allinjament u interdipendenza eżistenti mar-regoli tal-UE.

Ir-riżoluzzjoni tgħid li l-gvern Brittaniku s'issa ma daħalx f'negożjati dwar id-dispożizzjonijiet li jiżguraw kompetizzjoni ekwa.

Ir-riżoluzzjoni, adottata b'572 vot favur, 34 kontra u 91 astensjoni, hija dalwaqt disponibbli [hawnhekk](#) (18.06.2020)

Kwotazzjoni

"L-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit urew rieda li jagħmlu progress sinifikanti fin-negożjati matul ix-xahar ta' Lulju. Permezz tar-riżoluzzjoni f'waqtha tiegħu adottata illum, il-Parlament Ewropew qed jesprimi li huwa lest jikkonkludi ftehim ambizzjuż u ġust, mingħajr ma jiġu kompromessi l-prinċipji u l-miri tagħna", qal [David McAllister](#) (PPE, DE), President tal-Kumitat għall-Affarijet Barranin tal-Parlament Ewropew u l-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar ir-Renju Unit (UKCG), f'kummenti li ta' dwar il-votazzjoni fil-plenarja u l-eżitu tal-laqgħa ta' livell għoli bejn l-UE u r-Renju Unit tal-15 ta' Ġunju.

Agħfas fuq l-ismijiet biex tara l-filmati sħaħ ta' dikjarazzjonijiet fil-plenarja individwali ta':

David McAllister

Bernd Lange (S&D, DE), President tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kummerċ Internazzjonal, membru tal-UKCG

Kati Piri (S&D, NL), ko-rapporteur, membru tal-UKCG

Christophe Hansen (PPE, LU), ko-rapporteur, membru tal-UKCG

Kuntest

Il-perjodu kurrenti ta' tranżizzjoni jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020. Sabiex ftehim kummerċjali ġdid u ftehim ġenerali jidħol fis-seħħ mill-għada, jeħtieġ li jiġi ffirmat miż-żewġ naħħat fin-negożjati l-aktar tard sa Ottubru. It-test imbagħad jeħtieġ li jiġi rratifikat kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Parlament tar-Renju Unit, u, f'każ ta' hekk imsejjaħ ftehim imħallat, mill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri kollha tal-UE.

Għal aktar informazzjoni

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonal

Reġistrazzjoni video tad-dibattitu (17.06.2020)

Ir-riżultat tal-votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet (17. u 18.06.2020)

Stqarrija għall-istampa u kwotazzjonijiet wara l-votazzjoni fiż-żewġ kumitati (12.06.2020)

Stqarrija għall-istampa: "Rabtiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit: "kundizzjonijiet ekwi" huma kruċjali biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta" (12.02.2020)

Profil tar-rapporteur Kati Piri (S&D, NL)

Profil tar-rapporteur Christophe Hansen (PPE, LU)

Dossier tal-proċedura (abbozz ta' rapport, emendi mressqa, rapport imressaq għall-plenarja eċċ)

Brexit: L-impatt u l-konsegwenzi

Iċ-Ċentru Multimedjali tal-PE: ritratti, videos u audio mingħajr ħlas

Kuntatti

BALÁZS Eszter

Press Officer

📞 (+32) 2 28 42373 (BXL)

📞 (+33) 3 881 73839 (STR)

📱 (+32) 470 88 08 77

✉️ eszter.balazs@europarl.europa.eu



Servizz ta' l-Istampa, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot

Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000

Delphine COLARD

Head of Spokesperson's Unit and Deputy Spokesperson

📞 (+32) 2 28 43383 (BXL)

📞 (+33) 3 881 64123 (STR)

📠 (+32) 498 98 44 85

✉️ delphine.colard@europarl.europa.eu

Viktor ALMQVIST

Press Officer

📞 (+32) 2 28 31834 (BXL)

📞 (+33) 3 881 72420 (STR)

📠 (+32) 470 88 29 42

✉️ viktor.almqvist@europarl.europa.eu
